

Brussell, 25 ta' Settembru 2018  
(OR. en)

12040/18

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0145 (COD)

---

DAPIX 272  
JAI 866  
COMIX 482  
CODEC 1441  
SIRIS 111  
VISA 227  
EURODAC 18  
SCHENGEN 45

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta'...**

**dwar it-talba**

**tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq  
biex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis*  
ta' Schengen relatati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea  
għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira  
fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-talba mill-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, bl-ittra tiegħu lill-President tal-Kunsill tal-19 ta' Lulju 2018, biex jipparteċipa f'ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif speċifikat f'dik l-ittra,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2000/365/KE<sup>1</sup>, il-Kunsill awtorizza lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") biex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati f'dik id-Deċiżjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> stabbilixxa l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("l-Aġenzija") komunement magħrufa bħala eu-LISA, sabiex tiżgura t-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac u ta' ċerti aspetti tal-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tagħhom u potenzjalment dik ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, abbażi ta' atti legali separati tal-Unjoni, ibbażati fuq l-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE.
- (3) Bid-Deċiżjoni 2010/779/UE<sup>3</sup>, il-Kunsill awtorizza lir-Renju Unit biex jieħu sehem fir-Regolament (UE) 1077/2011 sal-miżura li dan hu relatat mat-tmexxija operattiva tas-Sistema tal-VIS u l-partijiet tas-SIS II fejn ir-Renju Unit ma jipparteċipax.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

<sup>2</sup> Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mal-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 333, 17.12.2010, p. 58).

- (4) Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011 (ir-"Regolament propost").
- (5) Skont ir-Regolament propost, l-Aġenzija ser tkun sostitwita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) (l-"Aġenzija proposta") li ser ikun is-suċċessur legali tal-Aġenzija. L-Aġenzija proposta ser tkun responsabbli, kif inhu l-każ għall-Aġenzija, għat-tmexxija operattiva tas- SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac. L-Aġenzija proposta ser tkun ukoll responsabbli għat-tnejjja, l-iżvilupp jew it-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), DubliNet u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u tista' tingħata r-responsabbiltà għat-tnejjja, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jekk previst fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni ibbażati fuq l-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE.

- (6) Is-SIS II hija parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI<sup>2</sup> jirregolaw l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS II. Madankollu, ir-Renju Unit ħa sehem biss fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI li tiżviluppa d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen imsemmija fl-Artikolu 1(a)(ii) tad-Deċiżjoni 2000/365/KE.
- (7) Il-VIS hija wkoll parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Renju Unit ma ħax sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE<sup>3</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI<sup>5</sup> li jirregolaw l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tal-VIS, u mhux marbut b'dawn l-atti.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

<sup>4</sup> Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

<sup>5</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

- (8) L-Eurodac mhix parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Renju Unit ħa sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> li jirregola l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tal-Eurodac, u hu marbut b'dan ir-Regolament.
- (9) L-EES hija parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Renju Unit ma ħax sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (KE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> li jirregola l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tal-EES, u mhux marbut b'dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017. p. 20).

- (10) L-ETIAS hija wkoll parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Renju Unit ma ħax sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup> li jirregola l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tal-ETIAS, u mhux marbut b'dan ir-Regolament.
- (11) Id-DubliNet mhijiex parti mill-*acquis* ta' Schengen. Ir-Renju Unit hu marbut bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003<sup>2</sup> li jistabbilixxi d-DubliNet, mezz separat ta' trasmissjoni elettronika sigura.
- (12) Minħabba l-parteciċipazzjoni tiegħu fl-Eurodac, id-DubliNet u l-parteciċipazzjoni parzjali tiegħu fis-SIS II, ir-Renju Unit għandu d-dritt li jipparteciċipa fl-attivitajiet tal-Aġenzija proposta, sal-miżura li hi tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-SIS II kif irregolata bid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, il-Eurodac u d-DubliNet, kif huwa l-każ fir-rigward tal-Aġenzija.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L ...).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument 21/2018 (2016/0357A) u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

- (13) Jenħtieġ li l-Aġenzija proposta, kif huwa l-każ għall-Aġenzija, jkollha personalità ġuridika unika u tkun kkaratterizzata mill-unità tal-istruttura organizzativa u finanzjarja tagħha. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Aġenzija proposta tkun stabbilita permezz ta' strument leġislattiv uniku li jittieħed vot dwaru fil-Kunsill fl-intier tiegħu. Barra minn hekk, mal-adozzjoni, jenħtieġ li r-Regolament propost isir applikabbli fl-intier tiegħu fl-Istati Membri marbuta bih. Dan jeskludi l-possibbiltà ta' applikabbiltà parzjali għar-Renju Unit.
- (14) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-Trattati u l-Protokolli applikabbli, u fl-istess ħin jiġu ssalvagwardjati l-unità u l-konsistenza tar-Regolament propost, ir-Renju Unit talab biex jiġi sehem fir-Regolament propost taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 19 sal-miżura li d-dispożizzjonijiet tiegħu jirreferu għar-responsabbiltà tal-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-SIS II kif irregolata bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u tal-VIS, l-EES u l-ETIAS.
- (15) Il-Kunsill jirrikonoxxi d-dritt tar-Renju Unit biex, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 19, jagħmel talba għal parteċipazzjoni fir-Regolament propost, sal-miżura li r-Renju Unit mhux ser jipparteċipa fir-Regolament propost għal raġunijiet oħra.

- (16) Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fir-Regolament propost tkun mingħajr preġudizzju għall-fatt li fil-preżent ir-Renju Unit ma jipparteċipax u ma jistax jipparteċipa fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mal-moviment liberu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-politika dwar il-viżi u l-qsim minn persuni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Dan jiġġustifika l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament propost li tirrifletti din il-pożizzjoni speċjali tar-Renju Unit, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' votazzjoni limitati fil-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija.
- (17) Il-Kumitat Imħallat, stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>1</sup>, ġie infurmat dwar it-tnejn ta' din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 5 ta' dak il-Ftehim.
- (18) Il-Kumitat Imħallat, stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>2</sup>, ġie infurmat dwar it-tnejn ta' din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 5 ta' dak il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

<sup>2</sup> ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

### *Artikolu 1*

B'segwitu għad-Deċiżjonijiet 2000/365/KE u 2010/779/UE, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jieħu sehem fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/JHA u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 sal-miżura li dan hu relatat mat-tmexxija operattiva VIS, mal-partijiet tas-SIS II li fihom ir-Renju Unit ma jipparteċipax u mal-EES u l-ETIAS.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---